# MRO. FERDINANDO CAMILLERI (1859 - 1942)

## *Surmast Direttur tal-Banda Filarmonika Nicolò Isouard (1910-1913)*

*minn Noel D'Anastas*

Wieħed mill-ftit kompożituri li hu magħruf sew mil-lat sagru kif ukoll minn dak bandistiku hu bla dubju FERDINANDO CAMILLERI - wieħed mis-Surmastrijiet li ħaddnet il-Banda Filarmonika NICOLÒ ISOUARD tal-Mosta, matul il-bidu ta' dan is-seklu.

Ferdinando Camilleri, bin Vincenzo u Grazzja mwielda Fava, twieled Ħal Luqa fid-29 ta' April, 1859. Huwa ġie mgħammed l-għada fil-knisja Parrokjali ta' l-istess raħal mill-kappillan Dun Vincenz Magri u ġie mogħti l-ismijiet ta' FERDINANDO, GIUSEPPE u GIOVANNI. [1]

Ta' età żgħira, missieru li kien surmast magħruf f'Ħal Luqa, għallmu l-ewwel passi ta' l-arti mużikali. [2] Għadu ċkejken, diġà jdoqq tajjeb il-flawt u l-vjolin. L-armonija u l-kompożizzjoni studjahom taħt ħuh Enrico. Wara, kompla tħarreġ għand Dun Ġużepp Spiteri Fremond, Patri Agostinjan.[3] Fl-età ta' 23 sena, Camilleri mexxa l-orkestra fl-okkażjoni ta' l-ewwel quddiesa ta' Dun Indrì Mifsud fil-knisja Parrokjali ta' Ħal Luqa. Il-Kyrie u l-Glorja kienu komposti mill-istess surmast.[4] Ftit żmien wara, il-familja marret toqgħod Tas-Sliema.

*Mastru Dandu,* kif kien magħruf, kien imfittex għall-kompożizzjoni. Fl-1882, għal żewġ tenuri u baxx, Camilleri kiteb il-*Gloria in Exc. No. 1.* [5] Kiteb żewġ quddisiet kbar, waħda dedikata lil San Gejtanu u l-



*Mro. Ferdinando Camilleri*
*(29.4.1859 – 8.3.1942)*

oħra lill-Madonna Kewkba tal-Baħar, b'approvazzjoni tal-Vatikan fl-1909. Kompożizzjoni oħra li tixhed il-ħila melodika ta' Camilleri hija *O Salutaris Hostia,* komposta fl-24 ta' Marzu, 1900 għal żewġ tenuri, baxx u Kor ta' tfal. [6] Din kienet ġiet esegwita fis-17 ta' April, 1900, fil-knisja Franġiskana Konventwali Minuri fil-belt Valletta, fil-festa tal-Kwaranturi. [7] Huwa magħruf ukoll għal diversi Innijiet u Antifoni li kkompona għal bosta festi, l-aktar għal dawk il-Parroċċi u knejjes oħra li tagħhom Ferdinando kien *Maestro di Cappella.* Fost dawn insemmu l-Antifoni *Manum Suam, Virgo Prudentissima u Prudens et Vigilans* - Antifoni ta' Sant' Elena, Stella Maris u Santa Caterina rispettivament, kif ukoll dik ta' Sant' Andrija li fl-1930 ħadet post dik komposta minn Anton Nani, festa li tkun iċċelebrata f'Ħal Luqa. [8] Barra dawn insibu Salmi, Responsorji u Mużika Profana. [9]

Il-mużika serja, li kkompona Ferdinando, nistgħu naqsmuha fi tnejn: dik għall-orkestra u dik għall-banda. Għall-orkestra kiteb is-Sinfonija No. 4 *Un Raggio di Luce.* [10] Din ġiet esegwita riċentement fid-9 ta' Frar,1992, fit-Teatru Manoel f'kunċert vokali u strumentali, fl-okkażjoni tal-ftuħ tat-terminal il-ġdid ta' l-ajruport internazzjonali ta' Malta.[11] F'Jannar ta' l-1881 kiteb is-Sinfonija No. 6 *La Rivista.* [12] Kiteb oħra bl-isem Sinfonia No. 3 *L'Astro d'Argente.* [13] Kiteb *Valzi* u *Polki* bħal *La Speranza* - Polka No 1 miktuba fl-1874.[14] F'dik l-istess sena, kkompona Galop b'dedika lil Paolo Cutajar,[15] il-bniedem li f'isem d-ditta Franċiża *Fulliany Père de Fils* għamel offerta għat-tiswijiet ġenerali, wara l-ħruq tat-Teatru Rjal fl-1873. [16]

Lil Ferdinando nsibuh bħala *Maestro di Cappella* f'diversi parroċċi madwar Malta. Fl-1920, insibuh Maestro di Cappella fil-knisja kolleġġjata u matrici ta' Sant' Elena f'Birkirkara, b'talba li saret fl-1918 wara li s-Surmast Ricardo Bugeja rtira. Għamel snin twal f'diversi knejjes parrokjali fosthom fiż-Żurrieq, Ħamrun, Attard, Ħal Luqa, fil-knejjes parrokkjali tas-Sacro Cuor u fi Stella Maris f'Tas-Sliema u fin-Naxxar, li għalihom kkompona żewġ innijiet għall-festa tal-Vittorja - *O Tfajla Immakulata* u *Ngħannulek bil-Ħlewwa.* Dawn tkantaw għall-ewwel darba wara tant provi fil-festa ta' l-1919. [17] Fl-1933, Ferdinando flimkien ma' ibnu Giuseppe nsibuhom jagħmlu talba biex jinħatru uffiċjalment Maestri di Cappella fil-knisja parrokjali ta' San Ġorġ, f'Ħal-Qormi - liema servizz kienu ilhom jagħmluh għaxar snin. [18]

F'ħajtu ta servizz ta' tletin sena jdoqq il-flawt fit-Teatru Rjal u xi wħud isostnu li ssejjaħ biex idoqq fit-Teatru Covent Garden ta' Londra, offerta li ntilfet mill-istess kompożitur. [19]

Mro. Camilleri miet fid-dar tiegħu Nru. 133, Triq Blanche, Tas-Sliema fl-għomor ta' 83 sena, fit-8 ta' Marzu, 1942. Il-funeral tiegħu sar l-għada fil-knisja Parrokkjali ta' San Girgor. Huwa ġie midfun fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata. [20] Wara 47 sena, l-wirt mużikali tiegħu, grazzi għas-sinjura Elena Camilleri (mart is-Surmast Giuseppe Camilleri, iben Ferdinando) ngħata lill-Arkivju Mużikali

tal-Katidral, fl-Imdina - wirt li juri biċ-ċar kemm Mastru Dandu ħabb l-arti mużikali.

## IL-PIJUNIER TAL-BANED SLIMIŻI

Fis-sena 1886, insibu lil Ferdinando Camilleri jħeġġeġ u jgħaqqad l-ewwel Banda tiegħu, dik bl-isem *'I Cavalieri di Malta'.*[21] Din daqqet għall-ewwel darba fis-26 ta' Settembru 1886 fix-Xatt ta' Tas-Sliema taħt l-istess Surmast Camilleri.[22] Bosta kienu dawk l-okkażjonijiet meta din il-Banda daqqet. F'din l-għaqda, Mro Camilleri daħħal serjetà kbira. Dan jidher fil-kura tal-bandisti u l-għajnuna li kien jagħtihom f'każ ta' mard.[23] Fl-1899, il-Banda waqgħet f'idejn is-Surmast Antonio Miruzzi.[24] Kien żmien iebes, żmien li l-Banda ma damitx ma ġiet fix-xejn. Meta *I Cavalieri di Malta* kienet f'idejn is-Surmast Miruzzi, Ferdinando għaqqad oħra bl-isem ta' *Melita.* Din għamlet id-debutt tagħha fix-xatt ta' Tas-Sliema nhar is-6 ta' Jannar 1900.[25] Il-Banda *Melita* ma kellhiex ħajja twila, għax fl-1903 ġralha bħal ta' qabilha.[26]

Mastru Dandu ma qatax qalbu. Sena wara, bl-għajnuna ta' xi bandisti miż-żewġ baned ta' qabel, iffurmaw il-banda *Queen Victoria,* grazzi għat-tħabrik ta' Franġisku Zammit.[27]

L-ewwel eżekuzzjoni seħħet fix-Xatt ta' Tas-Sliema, fl-4 ta' Settembru ta' l-istess sena, fl-okkażjoni tal-festa tal-Vittorja.[28] Fl-okkażjoni tal-funeral ta' l-avukat Fortunato Mizzi li sar fl-20 ta' Mejju, 1905 il-bandisti żanżnu uniformi ġdida.[29] Jidher li din il-Banda ma kellhiex ħajja itwal mill-1908. X'aktarx li l-aħħar programm imwettaq minn din il-Banda kien dak li seħħ il-Ħadd, 28 ta' Mejju 1908, f'Għar id-Dud.[30] L-istudjuż Robert Mifsud Bonnici, jgħid li l-uniformi nbiegħet lill-Banda *La Stella* taż-Żurrieq, banda llum iġġib l-isem ta' *Queen Victoria.*[31] Jingħad li fl-1908, il-Banda 'Queen Victoria' taż-Żurrieq żanżnet żewġ uniformijiet, waħda tas-Sajf u l-oħra tax-Xitwa. Dawn kienu ngħataw lill-Banda mill-Kavallier Charles dei Marchesi.[32] Ikompli jixhed il-ġurnal *Malta* tas-17 ta' Novembru 1910, li f'dik l-istess sena kienet intużat l-uniformi għas-sehem fil-festa titulari ta' Santa Katerina, fiż-Żurrieq. Fl-1912, il-Banda Slimiża *Queen Victoria* ħadet nifs batut, meta ppruvat terġa' titwaqqaf, din id-darba mis-Surmast G. Gatt. Wara debutt feliċi, il-banda reġgħat koppi.[33]

L-uniku frott li ħalla f'dan il-qasam kienet il-Banda *Stella Maris* li tagħha kien il-fundatur, banda li mill-1914 sa llum qatt ma ħarset lura.[34] Barra li kien il-pijunier tal-Baned Slimiżi, lil Ferdinando nsibuh Surmast Direttur ma' baned oħra. Fl-1911 ġie magħżul Surmast Direttur mal-Banda 'Duke of Connaught' ta' B'Kara. Jidher li dan is-servizz għamlu fl-istess sena li fiha Mastru Dandu kien ukoll is-Surmast Direttur tal-Banda *Nicolò Isouard* tal-Mosta. Mad-*Duke of Connaught* Ferdinando dam biss ftit xhur. Infatti fis-snin 1912 u 1913 il-banda kienet immexxija mis-Surmast Francesco Xuereb.[35] F'dan il-pajjiż, nerġgħu niltaqgħu ma' Ferdinando Camilleri, din id-darba fl-1919 bħala l-ewwel

Surmast Direttur tal-Banda St Helen. [36] Insibuh ukoll fin-Naxxar, jieħu ħsieb il-Banda *La Pace*. Huwa kien ħa f'idejh it-tmexxija ta' din il-Banda f'Novembru ta' l-1917, b'salarju ta' 14-il xelin fix-xahar. F'dak l-istess żmien, insibu li l-allievi bdew iħallsu għal-lezzjonijiet tal-mużika. [37] Taħt dan is-Surmast, il-banda mxiet 'l quddiem u żdiedet fin-numru li sa l-1921 kien ilaħħaq għal madwar erbgħin bandist. Hu baqa' Direttur sa l-1922. [38]



*Il-Banda Nicolò Isouard, bl-uniformi tagħha, taħt Mro. Ferdinando Camilleri*

**SURMAST MAL-BANDA NICOLÒ ISOUARD, TAL-MOSTA.**

Għall-ħabta ta' l-1910, il-Banda Filarmonika *Nicolò Isouard* waqgħet f'idejn Mro Ferdinando Camilleri. Dan seħħ wara t-tluq tas-Surmast Antonio Miruzzi. Għalkemm ftit nafu fuq dan il-perjodu, jibqa' l-fatt li fil-Mosta Mro Camilleri ħadem bis-sħiħ. Fl-1913, il-Banda Nicolò Isouard kienet ħadet sehem fil-Kungress Ewkaristiku - x'aktarx li ngħalaq il-kapitlu ta' din il-banda għal dak iż-żmien. [39]

Fost il-kompożizzjonijiet mużikali li ħalla lil din is-soċjetà, insibu l-Marcia Funebre *La Morte di Cristo.* Dan ix-xogħol kien ġie esegwit ma' bċejjeċ oħra mill-istess Banda *Nicolò Isouard*, fl-Akkademja li saret fit-12 ta' April tas-sena l-oħra, akkademja li fakkret il-ħamsin sena minn meta bomba Ġermaniża nifdet ir-Rotunda u mirakolożament ma splodietx. [40]

Fil-Mużew tal-Katidral fl-Imdina, insibu marċ reliġjuż għall-proċessjoni tal-festa




Il-qoxra tal-manuskritt minn Mro. Ferdinando Camilleri, eks-Surmast tal-Banda Nicolò Isouard.

Con gioia cantiamo,
In dolce armonia,
Un inno a Maria,
Che erompe dal cuor.

Vergine sei, Madre
Del tuo Fattore,
A te ogni cuore,
Ne offre l'onore.

Deh! Dal trono, Madre,
Dove siede Regina,
Il tuo sguardo inchina
Su noi poverelle.

Cosi' noi felici,
I giorni finire,
Poi, lieti salire,
Regnar con Te in ciel.

Il-kliem ta' l-innu li Mro. Ferdinando Camilleri kkompona għall-Banda Nicolò Isouard, fl-1910.

ta' Marija Assunta. Dan ix-xogħol, kompost għall-banda u Kor tat-Tfal ġie miktub f'Awissu ta' l-1910, - is-sena li fiha Mastru Dandu ħa din il-banda f'idejh. F'dan il-manuskritt oriġinali, nsibu kitba minn idejn l-istess kompożitur li tgħid 'per la Banda di Casal Musta.' [41] Bla dubju, dan l-innu ġie esegwit f'dik l-istess sena: s-sena li fiha MASTRU DANDU tħabbeb ma' l-Għaqda Filarmonika Nicolò Isouard.

Riferenzi:

1. Arkivju Parrokjali, Luqa Lib. Babt. Vol. V p. 255
2. R. Mifsud Bonnici - Mużiċisti Kompożituri Maltin u Għawdxin tal-Bieraħ u tal-Lum (Giov. Muscat, 1951) p. 43
3. ibid.
4. Dun Ġużepp Micallef - Ħal Luqa Niesha u Ġrajjietha (Veritas Press) p. 258
5. Arkivju tal-Katidral, Imdina (A.C.M.) Mus. Ms. 3639.
6. Ibid. Ms. 3698
7. Ibid. Ms. 3698
8. Dun Ġużepp Micallef - Ħal Luqa Niesha u Ġrajjietha p. 255

9. Il-biċċa l-kbira tax-xogħolijiet komposti minn Ferdinando Camilleri ġew mogħtija lil Arkivju tal-Mużew tal-Katidral, fl-Imdina. Dawn ġew ikkatalogati, x'uħud minnhom ukoll ġew esegwiti.
10. A.C.M. Mus. Ms. 3712
11. Il-Programm ta' dan il-kunċert jinsab ikkatalogat fl-istess Mużew fl-Imdina.
12. A.C.M. Mus. Ms. 3713
13. Ibid. Ms. 3711 A
14. Ibid. Ms. 3733
15. Ibid. Ms. 3742
16. Joseph Bonnici/Michael Cassar: The Royal Opera House, Malta.
17. Il-125 Anniversarju tal-Banda Peace, Naxxar 1862-1987: L-Istorja tal-Banda fir-Raħal - Paul Catania, p. 33, 34.
18. Ittra miktuba mis-Surmastrijiet Ferdinando u ibnu Ġużeppi Camilleri lill-Kapitlu. Din tinsab mal-kotba tal-ħlasijiet fil-Mużew tal-Katidral, fl-Imdina.
19. R. Mifsud Bonnici - Mużiċisti Kompożituri Maltin u Għawdxin eċċ. Jgħid li Camilleri daqq fil-Covent Garden ta' Londra. Iżda, waħda minn ulied Ġużeppi Camilleri tgħid li qatt ma daqq Londra.
20. Arkivju Parrokjali San Girgor, Sliema Lib. Mort, Vol. 1 p. 16
21. Il Portafoglio Maltese 8/11/1886
22. Ibid., Malta Corriere Mercantile Maltese 16/10/1886
23. Risorgimento 21/5/1887, Malta Corriere Mercantile Maltese 19/12/1888, Malta Corriere Mercantile Maltese 22/12/1888
24. Gazetta di Malta Corriere Mercantile Maltese 18/8/1899
25. ibid. 5, 9/1/1900.
26. Wieħed mill-aħħar kunċerti ta' din il-banda kien fil-15 ta' Frar, 1903 fix-Xatt ta' Tas-Sliema, taħt it-tmexxija tal-Profs. G. Ciliberti, Malta e Sue Dipendenze 13/2/1903.
27. Malta Tagħna 27/8/1904, 2/7/1904.
28. ibid. 3/9/1904, Malta e Sue Dipendenze 3/8/1904.
29. Din l-uniformi reġgħat intlibset fi programm fil-belt. Dan sar fi Pjazza San Ġorġ. Malta e Sue Dipendenze 22, 25/5/1905.
30. The Malta Herald 29/5/1908.
31. R. Mifsud Bonnici - Ġrajja ta' Baned f'Malta u Għawdex Vol. I (Giov. Muscat, 1957) pp. 77-82. F'dak iż-żmien, il-Banda kien jisimha 'La Concordia'.
32. Ġrajjiet il-Banda Queen Victoria, Żurrieq (1865-1990) p. 22
33. Malta Tagħna 20/1/1912
34. Il-Madonna u Tas-Sliema (John Bisazza - Rabta ta' Mħabba bejn il-Każin tal-Banda Stella Maris u l-Madonna) p. 232.
35. Soċjetà Filarmonika Duke of Connaught's Own Band 1865-1990: 125 sena ta' banda f'Birkirkara p. 20 (ppublikat fil-ktejjeb ta' tifkira fl-egħluq il-125 sena mit-twaqqif tal-Banda 'Duke of Connaught', B'Kara.
36. Tagħrif Storiku fuq il-Banda Santa Elena (Programm tal-Banda Sant' Elena, 1986 fl-okkażjoni tal-festa titulari padruna ta' B'Kara.
37. Il-125 Anniversarju tal-Banda Peace, Naxxar 1862-1987: L-istorja tal-banda fir-raħal - Paul Catania pp. 33, 34.
38. ibid.

39. R. Mifsud Bonnici - Ġrajja ta' Baned f' Malta u Għawdex Vol. 2 (Giov. Muscat, 1957) p. 75.
40. Il-Mument 29/3/1992 p. 10 Ittra miktuba minn Saviour Dimech, Mosta: Segretarju tal-Banda Nicolò Isouard, dwar Mro Ferdinando Camilleri: Surmast tal-Banda Nicolò Isouard.
41. A.C.M. Mus. Ms. 3754. Dan il-manuskritt kien jinsab mal-kollezzjoni mogħtija lill-Arkivju tal-Mużew tal-Katidral minn mart is-Surmast Ġużeppi Camilleri - Is-Sinjura Elena Camilleri fl-1989.

BIJOGRAFIJI:

Robert Mifsud Bonnici: Mużiċisti u Kompożituri Maltin u Għawdxin tal-Bieraħ u tal-Lum. p. 43 (Giov. Muscat, 1950).

U. Rolandi: Musica e Musicisti in Malta pp. 60, 82 (Livorno, 1932).

Tony Terribile: Is-Surmast Ferdinando Camilleri (1859-1942): Iejlet il-Ħamsin sena minn mewtu, pp. 65-67 (Leħen il-Banda Sliema Nru. 16, 1991).

Dun Ġużepp Micallef: Ħal Luqa, Niesha u Ġrajjietha p. 258 (Veritas Press Malta 1975).

Noel D'Anastas: Ferdinando Camilleri (1859-1942): Kompożitur li għex u miet f'Tas-Sliema. (Il-Mument, 8 Marzu 1992 pp. 23, 24).

Junior mosta



**21 CONSTITUTION STREET, MOSTA - Tel: 432832**

* Babies and Children's Clothes and Footwear
* Prams and Pushchairs: CHICCO, SILVER CROSS, MARMET, CINDICO, MACLAREN, CAM, BIEMME, INGLESINA, JANE and others.
* All CHICCO Products
* Nursery Equipment: Beds/Cots, Mattresses, High Chairs, Playpens, Baby Walkers, Bouncers, Dresserettes etc.
* Toys and Games
* Baby Gifts & Birthday Presents